Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 57/2012/2

**Grand Hotel Excelsior Limited (appellata)**

**vs**

**Raymond Steer Chetham [I.D. 218359 M], Jane Steer Chetham [I.D. 88956 M], Paul Degaetano [I.D. 505462 M], Josianne Degaetano [I.D. 222663 M], Farrugia Jennifer [I.D. 179063 M], Eugenio Farrugia [I.D. 15362 M] bhala gestur fil-kummerc bl-isem RS and Partners u Roy Steer [I.D. 187193 M] (appellant) bhala manager ta' l-istess ditta**

30 ta' Gunju, 2017.

Permezz ta' rikors prezentat fis-16 ta' Frar, 2012 il-kumpannija attrici talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' sebat elef seba' mija tnejn u sittin ewro u erbghin centezmu (€7,762.40) ghall-akkomodazzjoni fil-lukanda Grand Hotel Excelsior u servizzi ohra relatati ma' l-istess provduti mill-kumpannija attrici lill-intimati fuq inkarigu u struzzjonijiet ta' l-intimati stess. Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv; bl-ispejjez inkluz ukoll l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Awissu, 2010; kif ukoll l-ittra ufficjali datata 14 ta' Settembru, 2010;

Permezz ta' risposta, l-intimat Roy Steer Chetham wiegeb is-segwenti:

*"1. Illi in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi l-istess konvenut agixxa esklussivament ghan-nom ta' Jennifer Farrugia [I.D. 176063 M], Paul Degaetano [I.D. 0505462 M] martu Josienne Degaetano [I.D. 222663 M] u Ray* [Raymond] *Chetham [I.D. 0218359 M] illi kienu l-investituri/partners tal-kuncert ta' Rod Steward in kwistjoni, illi qabbdu lil Roy Steer Chetham u dana in forza ta' kuntratt iffirmat bejn l-imsemmija investituri u l-konvenut;*

*2. Illi huma l-imsemmija Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Ray* [Raymond] *Steer Chetham li ghandhom jirrispondu ghall-kreditu vantat mis-socjeta' attrici bhala l-partners tal-kuncert in kwistjoni;*

*3. Illi fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha"*

B'sentenza tad-9 ta' Gunju, 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-konvenuti Roy Steer, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetcham u Jennifer Farrugia sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' sebat elef u seba' mija u erbghin Euro (€7,740) *in solidum*, bl-ispejjez u imghax mid-data ta' l-*invoice;*

Illi minn din is-sentenza appella biss il-konvenut Roy Steer. L-aggravju tieghu hu li l-qorti njorat l-importanza ta' fatti legalment imperattivi ghal kaz, li kellu jwassalha ghall-

konkluzjoni li mhuwiex il-legittimu kontradittur. Ghalhekk talab lil din il-qorti sabiex *"(....) tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Gunju, 2016 fl-ismijiet fuq premessi, billi tirrevokaha fil-konfront tal-appellant Roy Steer billi tilliberah bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghar-rigward l-esponenti kontra r-rikorrenti"*.

L-attrici wiegbet li d-decizjoni tal-ewwel qorti kienet gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

B'nota prezentata fl-14 ta' Dicembru, 2016 l-attrici ddikjarat:

> *"Illi fil-mori tal-appell, is-socjeta rikorrenti appellata lahqet ftehim ta' transazzjoni mal-intimati Raymond Steer Chetham (ID 218359M), Paul Degaetano (ID 505462M), Josienne Degaetano (ID 222663M) u Jennifer Farrugia (ID 179063M) bhala gesture tal-kummerc bl-isem ta' RS and Partners illi permezz tieghu gie sodisfatt pjenament il-pretensjoni taghha"*.

Il-qorti qrat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

L-appell ta' Roy Steer hu bazat fuq il-verzjoni li hu ma kienx personalment responsabbli ghad-dejn, gialadarba hu kien semplici impjegat u kellu jiehu hsieb l-aspett ta' *marketing* u dak kollu li kellu x'jaqsam mal-organizazzjoni tal-kuncert. L-appellant isostni li l-ftehim kien li l-ispejjez kollha kellhom jinhargu mill-konvenuti l-ohra fil-kawza. Ghalhekk ir-relazzjoni tal-attrici kien mal-organizzaturi tal-kuncert.

Bl-appell tieghu, l-appellant stieden lill-qorti sabiex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi li tressqu quddiem l-ewwel qorti. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva kif:

i. Jidher li l-appellant iffirma skrittura privata mal-konvenuti Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Ray Steer Chetham. Fih jinghad li l-appellant (the Manager) ser jaghti *"marketing and management services"* lill-imsemmija persuni (partners) ghall-kuncert ta' Rod Stewart, li kellu jsir fit-3 ta' Awissu, 2010. Fl-ebda parti ta' dak il-kuntratt ma jinghad li l-appellant ser jaghmel tajjeb ghal xi dejn tal-kuncert.
ii. Fil-21 ta' Lulju, 2010 l-appellant iffirma kuntratt mal-attrici. Fih jinghad li l-appellant qieghed jidher *"on behalf of RS and Partners"*. Permezz ta' dak il-kuntratt l-appellant ibbukja numru ta' kmamar fil-lukanda ghad-dati bejn l-1 u 3 ta' Awissu, 2010.

F'ittra legali datata 7 ta' Dicembru, 2010 l-appellant gharraf lis-socjeta attrici li l-hlas kien ghadu ma sarx ghaliex il-kuncert ma kienx iggenera d-dhul mixtieq, u l-investituri li ghan-nom taghhom kien agixxa, ma kinux f'qaghda finanzjarja li jhallsu numru ta' kredituri. Fic-cirkostanzi talab ghall-iktar zmien sakemm isir il-hlas.

Hu minnu li l-appellant iffirma l-iskrittura tal-21 ta' Lulju, 2010 ghan-nom ta' *RS and Partners*. Pero' ma tressqet l-ebda prova li l-*partnership* ghandu personalita guridika. Ghalhekk fil-konfront tal-attrici, l-appellant kien personalment responsabbli ghad-dejn. L-argument tieghu li kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ma tistax tregi wkoll ghar-raguni li m'hemmx prova li meta ffirma l-kuntratt kien identifika min kienu l-mandanti tieghu. F'dan ir-rigward Norbert Grixti xehed:

*"Jiena hawn nixtieq nghid illi meta konna qeghdin niddiskutu l-kuntratt ma' Roy Steer huwa qatt ma semma lir-RS & Partners b'isimhom. Huwa kien dejjem ighidilna li kellu l-backers ghal dan il-progett. Jiena kont iffirmajt ghan-nom ta' Grand Hotel Excelsior Limited u meta Roy Steer gie biex jiffirma fuq il-kuntratt zied il-kliem, appearing on behalf of RS and Partners, u ghamel il-firma tieghu"*.

Verzjoni li qatt ma giet kontradetta mill-appellant, li ma xehedx. M'hemmx prova li meta sar il-ftehim l-appellant kien gharraf lil Norbert Grixti li hu ma kienx parti minn dan 'l hekk imsejjah *partnership*, jew li ma kellux x'jaqsam mal-ispejjez li kienu qeghdin isiru. In kontro-ezami l-istess xhud xehed:

*"Nghid illi kull ma kien ighid is-sur Roy Steer kien illi hu kellu financial backers li kienu lesti jaghmlu tajjeb ghalih"*.

Kliem li ghall-qorti ma jfissirx li l-appellant ma kienx parti minn dan 'l hekk imsejjah *partnership* jew li ma kienx responsabbli ghad-dejn.

Sahansitra, tant l-attrici ma kinitx infurmata min kienu l-persuni li suppost kien hemm wara l-appellant, li fl-ittra legali tas-7 ta' Dicembru, 2010 l-appellant gharraf lis-socjeta attrici bl-ismijiet u ndirizz tal-konvenuti. Dan fih innifsu hu prova li qabel dik l-ittra l-appellant ma kienx qal lill-attrici min kienu l-persuni l-ohra nvoluti fil-progett. Tant hu hekk li fl-ittra ufficjali li l-attrici pprezentat fl-14 ta' Settembru, 2010 (fol. 35), issemma biss l-appellant.

Ghal dak li jirrigwarda l-kuntratt a fol. 40, hadd mill-partijiet li jissemmew fih ma xehed fil-kawza. Kwistjonijiet bejn l-appellant u l-konvenuti l-ohra li l-ewwel qorti ikkundannat sabiex ihallsu d-dejn, huma *res inter alios acta* ghall-attrici. Dak li l-qorti kellha tiddeciedi dwaru kien min ghandu jhallas lill-attrici, u hekk ghamlet. F'kull kaz, fuq bazi ta' probabbilta kieku l-appellant kien biss qieghed joffri servizz lill-konvenuti l-ohra, ma kienx jaghti l-kunsens tieghu sabiex jaghmlu uzu min-numru ta' registrazzjoni tieghu tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (ara dokument a fol. 45). Ghalhekk ukoll il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-ewwel qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li dan kien indizju li l-appellant kien iktar minn semplici *manager*.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li l-appellant kien bl-ghajnuna legali, m'hemmx x'jinghad dwar l-ispejjez.**

Anthony Ellul.